**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 210/20 AL

Dr. Geraldine Spiteri f'isem u għan-nom tal-assenti A B

vs

C B

(M.R. numru1605/1988)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet żżewġu fil-11 ta' Settembru 1988 skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel wieħed, li illum huwa maġġorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-30 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok B, anness), liema kuntratt ġie

immodifikat fit-23 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004) permezz ta' kuntratt korrettorju redatt min-Nutar Dottor Clinton Bellizzi (Dok C anness).

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra/ familji ġodda.

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut għall wild f'dan l-istadju, stante illi dan illum huwa maġġorenni u l-fuq minn tlieta u għoxrin sena, u l-ebda parti ma hija aktar intitolata għall-manteniment, u dan kif jidher ċar mill-annessi kuntratti.

5. Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi r-rikorrenti A B tinsab imsiefra minn Malta u għaldaqstant innominat lid-difensur tagħha Dr. Geraldine Spiteri sabiex tirrapreżentaha f' din il-kawża (Dok D);

8. Illi peress li bħalissa r-rikorrenti A B tinsab sprovvista minn karta tal-identita' valida, stante li skadiet, għal kull buon fini qed tiġi annessa kopja tal-passaport tagħha (Dok E);

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m' għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

3. Taghmel kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Lulju 2020;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla, li fuq domanda tal-qorti wiegeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Jannar tas-sena 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.